**KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIZABILITÀ** — **NATIONAL COMMISSION PERSONS WITH DISABILITY**

MALTA

*Ufficju tac-Chairman* — *Office of the Chair*

12 ta' Novembru 2002

*Media Release*

# Mizuri ghall-Budget tas-Sena 2003

Il-*Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita`* bhala l-ghan ewlieni taghha ghandha li toffri opportunitajiet indaqs lill-persuni b'dizabilita`. Dan l-ghan jintlahaq fuq medda ta' snin u hu process kontinwu. Ghalhekk huwa necessarju li jsir fi stadji zghar, liema stadji generalment jigu identifikati bhala oqsma ta' prijorita` ghall-Kummissjoni. GHas-sena 2003, il-Kummissjoni identifikat minn lista itwal, dawn l-oqsma ta' prijorita`:

*Servizzi Residenzjali*

It-thassib dejjiemi ta' kull persuna b'dizabilita` u l-familji taghhom hu x'ser jigri mill-persuna b'dizabilita` meta l-familja ma tkunx tista' tkompli tipprovdi s-sapport necessarju biex l-individwu b'dizabilita` jghix fil-komunita` u hekk jevita il-biza` enormi ta' l-istituzzjonalizzazzjoni. It-*Taqsima GHajxien Issapportjat* fi hdan il-*Fondazzjoni ghas-Servizzi Socjali* propju twaqqfet ghal dan il-ghan. Il-Kummissjoni bil-qawwa tirrakkomanda li din it-Taqsima tinghata l-fondi rikorrenti b'mod realistiku biex hi tkun tista' tizviluppa dawn is-servizzi tant importanti ghall-persuni b'dizabilita` u l-familji taghhom.

*Skema ta' Sapport Permanenti ghall-Impjieg*

Il-Kummissjoni u l-*Korporazzjoni ghall-Impjieg u t-Tahrig* huma ta' l-opinjoni li l-inizjattiva principali li trid tittiehed f'dan il-qasam hu li jkun hawn *Skema ta' Sapport Permanenti ghall-Impjieg* ta' persuni b'dizabilita` severa. Il-Kummissjoni tirrakkomanda bil-qawwa li din l-iskema tinghata l-fondi necessarji.

*Servizzi ta' Matul il-Jum*

Ċentru Ħidma Soċjali, Triq Braille, Sta. Venera ĦMR 18, MALTA
Telefon: 2148-7789 · 2144-8521 · 2124-5952 Fax: 2148-4609 Text telefon: 2144-6536
Website: http://www.knpd.org/ Email: jmcamilleri@knpd.org

Numru sostanzjali ta' adulti b'dizabilita` dejjem ser ikollhom diffikulta` li jimpjegaw irwiehhom u ghalhekk jibqghu fil-bzonn ta' Servizzi ta' Matul il-Jum. Is-servizzi prezenti ma ghandhomx il-fondi necessarji u barra minn hekk kull sena dan is-servizz jizdied b'madwar tletin persuna gdida. GHalhekk il-Kummissjoni thoss li hu essenzjali li dan is-servizz ikollu l-fondi necessarji biex ikompli jizviluppa u jlahhaq mad-domanda gdida li jkollu.

*Ezenzjoni mill-VAT fuq Lifts*

Minn Jannar 2002, *l-Awtorita` Maltija ta' l-Izvilupp u l-Ambjent* bdiet tinforza r-Regolament dwar l-Accessibbilta` ghal Kulhadd fuq progetti godda. Wahda mill-akbar spejjez involuti ma' l-access fiziku, hija l-installazzjoni ta' lift. Ghaldaqstant, il-Kummissjoni qed tirrakkomanda lill-Gvern li jezenta mill-hlas tal-VAT l-lifts li jigu installati minhabba dawn ir-regolamenti.

*Servizz Ghajnuniet Specjali (SGhS)*

Is-*Servizz GHajnuniet Specjali (SGHS)* jipprovdi fondi limitati biex persuni b'dizabilita` jixtru apparat li jkollhom bzonn, minhabba d-dizabilita` taghhom. Din is-sena 103 persuna ibbenefikaw minn din l-ghajnuna waqt li 112 baqghu fuq il-*waiting list* ta' l-SGhs. Barra minn hekk din l-assistenza hi limita ghall-Lm500 biss, anke jekk l-apparat li tixtieq tixtri gieli jiswa hafna aktar. Il-Kummissjoni qed tirrakkomanda li l-fondi ghal dan is-Servizz jizdiedu.

---